GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

Heritage Malta

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-ISKEJJEL MEDJI U SEKONDARJI GĦAS-SENA 2024/2025

Dawn il-programmi edukattivi jibdew fid-9.30 u jispiċċaw fin-12.30. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 30 student f'kull grupp. Għal kull programm tematiku tingħabar donazzjoni ta' **€1** (eskluż il-programm S15 - Pax Romana fejn tingħabar donazzjoni ta' €3) minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. Il-lingwa ta' dawn il-programmi edukattivi hija l-Malti iżda uħud minn dawn il-programmi jistgħu jsiru ukoll bl-Ingliż.

Fil-każ tal-programmi tat-Trekking (S12 / S13 / S14) meta wieħed ikun qed jimla l-formula irid jindika liema rotta (Għar Dalam, Mġarr, Qrendi) ħa jkun qiegħed jagħżel.

Sabiex tibbukkja dawn il-programmi edukattivi ikklikkja fuq dan il-link: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/thematic-events/. Il-prenotazzjoni tiegħek ma jiġix aċċettat sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta. Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Vanessa Ciantar fuq vanessa.ciantar@gov.mt.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-uffiċjali ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

| Attività | Deskrizzjoni | Sena | Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **S11-24/25 Malta Repubblika**<br><br>**(1 Euro)** | Programm tematiku li jfakkar il-50 sena minn meta Malta saret Repubblika fit-13 ta' Diċembru 1974 | Mis-7 sal-11-il Sena | Storja:<br><br>9 - Għandi għarfien tal-kuntest politiku Malti tal-lum kif ukoll tal-politika storika ta' Malta (Karta II) tragwardi miksuba mill-1945 sal-2004 | Il-Palazz tal-Granmastru, il-Belt Valletta. | 13, 14, 15, 16, 17 ta' Jannar 2025 |
| **S12-24/25 Trekking fl-inħawi ta' Għar Dalam**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja fl-inħawi ta' Għar Dalam u Wied Żembaq fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità josservaw widien, flora u fawna u siti storiċi fl-inħawi. | Mis-7 sal-11-il Sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż; Il-Preistorja, Kavallieri u Ingliżi<br>Ġeografija: Il-Widien, Flora u Fawna tal-Gżejjer | Għar Dalam u Wied Żembaq, Birżebbuġa. | 6, 7, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28 ta' Marzu 2025 |
| **S13-24/25 Trekking fl-inħawi tal-Imġarr**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja li tibda mis-sit Preistoriku ta' Skorba mill-inħawi taż-Żebbiegħ fl-Imġarr u tispiċċa ir-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands). | Mis-7 sal-11-il sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż il-Preistorja, il-Kavallieri u l-Ingliżi<br>Ġeografija: Il-Widien, il-Kosta, Flora u Fawna tal-Gżejjer | Skorba, Żebbiegħ, l-Imġarr | 6, 7, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28 ta' Marzu 2025 |
| **S14-24/25 Trekking fl-inħawi tal-Qrendi**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja li tibda mill-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba u tispiċċa fl-inħawi ta' Ħaġar Qim fil-Qrendi. | Mis-7 sal-11-il sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż; Il-Preistorja, Kavallieri u Ingliżi<br><br>Ġeografija: Il-Widien, il-Kosta Flora u Fawna tal-Gżejjer | San Mattew tal-Maqluba, Ħaġar Qim, il-Qrendi | 6, 7, 10, 11, 12, 13, 14, 17, 18, 20, 21, 24, 25, 26, 27, 28 ta' Marzu 2025 |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **S15-24/25 Pax Romana**<br><br>**(3 Euro)** | Il-programm edukattiv jinkludi dawra bi spjegazzjoni dwar il-fdalijiet li jinstabu fid-Domvs Romana. L-attività tinkludi kaċċa għat-teżor, xogħol ta' mużajk u rappreżentazzjoni ta' reċta dwar il-każ ta' Kajjus Verres. | Is-7 sena | Arti: Xogħol tal-Mużajk<br>Drama<br>Storja: 7.3, 7.4 | Domvs Romana, ir-Rabat, Malta | 28, 29, 30 t'April 2025<br>2 ta' Mejju 2025 |
| **S15-24/25 Niskopru s-Sigrieti tad-Dokumenti (VE80)**<br><br>**(1 Euro)** | L-istudenti ħa jkollhom l-opportunità janalizzaw sorsi t'evidenza li jinsabu fil-kollezzjoni ta' Heritage Malta marbuta mat-80 anniversarju tat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinija. | Mis-7 sal-11-il sena | L-użu tas-sorsi primarji u sekondarji t'evidenza. Forom differenti ta' sorsi t'evidenza. | Forti Sant' Iermu, il-Belt Valletta. | 8, 9 ta' Mejju 2025 |